VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,509, 10 ta' Diċembru, 2015
Taqsima B

A.L. 405 tal-2015

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA L-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 51 u 54 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, il-Ministru għall-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ. L.S. 403.13

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2016.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu:

(i) it-tifsira "l-Awtorità" għandha titħassar;

(ii) minnufih wara t-tifsira "l-Att", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;";

Kap. 330.

(iii) fit-tifsira "*gross premiums*":

(aa) minflok il-kliem "riċevuti mill-kumpannija skond kuntratti ta' rijassigurazzjoni aċċettati mill-kumpannija qabel ma jitnaqqsu l-*premiums* għar-rijassigurazzjoni mogħtija u qabel it-tnaqqis ta' kummissjoni li titħallas mill-kumpannija:", għandhom jidħlu l-kliem "riċevuti

VERŻJONI ELETTRONIKA

mill-impriża tal-assigurazzjoni skont kuntratti ta' rijassigurazzjoni aċċettati mill-impriża qabel ma jitnaqqsu l-*premiums* għar-rijassigurazzjoni mogħtija u qabel it-tnaqqis ta' kummissjoni li titħallas mill-impriża:"; u

(bb) fil-proviso tiegħu, minflok il-kliem "ikun kumpannija li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta u li tmexxi l-kummerċ ta' l-assigurazzjoni tagħha f'pajjiż barra minn Malta,", għandhom jidħlu l-kliem "ikun impriża li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'pajjiż barra minn Malta, jew impriża li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun f'Malta u li tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni tagħha f'pajjiż barra minn Malta,";

(iv) minflok it-tifsira "assiguratur", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "assiguratur" dwar il-Fond, tfisser impriża awtorizzata taħt l-Att biex tmexxi f'Malta kummerċ fit-tul jew kummerċ ġenerali jew impriża li fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tkun awtorizzata taħtu li tmexxi kemm kummerċ fit-tul kemm kummerċ ġenerali sew jekk dak il-kummerċ ikun jew le, f'kull każ, kombinat ma' kummerċ ta' rijassigurazzjoni iżda teskludi impriża li l-kummerċ tagħha jkun ristrett għar-rijassigurazzjoni;"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "ma japplikawx għal kumpannija awtorizzata li tmexxi biss u esklużivament kummerċ ta' rijassigurazzjoni.", għandhom jidħlu l-kliem "ma japplikawx għal impriża tar-rijassigurazzjoni awtorizzata.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kelma "Awtorità", u kull fejn tidher fir-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "awtorità kompetenti".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (5) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tista' toħroġ regola dwar l-assigurazzjoni", għandhom jidħlu l-kliem "tista' toħroġ Regoli dwar l-Assigurazzjoni".

VERŻJONI ELETTRONIKA

5. Fis-subregolament (3) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sakemm il-kumpannija ġġib prova għas-sodisfazzjoni ta' l-Awtorità", għandhom jidħlu l-kliem "sakemm l-assiguratur iġib prova għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti". Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "dikjarazzjoni tad-dħul tal-*gross premiums* tal-kumpannija", għandhom jidħlu l-kliem "dikjarazzjoni tad-dħul tal-*gross premiums* tal-impriża". Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fil-paragrafu (a) tar-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fil-ħin li l-kumpannija konċernata waqfet milli tmexxi dak il-kummerċ", għandhom jidħlu l-kliem "fil-ħin li l-impriża konċernata waqfet milli tmexxi dak il-kummerċ". Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fis-subregolament (1) tar-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "kumpannija" għandha titħassar; Jemenda r-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fin-nota marġinali li hemm miegħu, minflok il-kliem "li toħroġ regoli dwar l-assigurazzjoni.", għandhom jidħlu l-kliem "li toħroġ Regoli dwar l-Assigurazzjoni."; u

(b) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "L-Awtorità tista' toħroġ regoli dwar l-assigurazzjoni", għandhom jidħlu l-kliem "l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli dwar l-Assigurazzjoni".